MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1068/2010/1

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 1429/2010**
**fl-ismijiet:**
**Valerio Schembri**

**v.**

**Mario Scerri**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'rikors ipprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrent Mario Scerri talab lil dik il-Qorti zzomm l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru

1429/2010 mahrug in segwitu ghall-ispedizzjoni ta’ ittra ufficjali mill-intimat Valerio Schembri fit-28 ta’ Settembru, 2010 u dan ghad-drittijiet tieghu bhala espert tekniku fil-proceduri tal-appell mit-Tribunal tal-Konsumatur fil-kawza istitwita mir-rikorrent odjern kontra Stephen Camilleri.

Ir-rikorrent appellant isostni li d-drittijiet tal-espert tekniku ma ghandhomx jithallsu minnu izda mill-istess Stephen Camilleri billi kien huwa li appella s-sentenza tat-Tribunal u talab il-hatra tal-espert. Inoltre r-rikorrenti jsostni li l-mandat ghandu jinzamm ukoll billi nhareg mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili mentri kellu jinhareg mill-Qorti tal-Magistrati.

L-intimat il-Perit Valerio Schembri intavola risposta ghar-rikors fuq imsemmi u dan fit-3 ta’ Dicembru 2010, fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija talab illi t-talba tas-sekwestrat kif dedotta tigi michuda bl-ispejjez.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fl-14 ta’ Lulju, 2011 meta cahdet it-talba tar-rikorrent u ghalhekk iddikjarat li ser “tiddeklina” milli zzomm l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ sekwestru 1429/2010, bl-ispejjez kontra r-rikorrent u dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat :

“Illi irrizulta mill-provi prodotti illi Mario Scerri ir-rikorrenti kien ipprezenta rikors fil-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fejn talab lill-Qorti sabiex tahtar espert tekniku sabiex jezamina bejt qabel ma isiru t-tiswijiet mehtiega fuq l-imsemmi bejt u dana peress illi skond ir-rikorrenti Mario Scerri l-aggravju tal-water proofing fuq l-imsemmi bejt kien qieghed iwassal biex il-bejt isofri danni peress li jidhol l-ilma u jittebba anke minn gewwa.

“Illi irrizulta wkoll illi l-avukat difensur tar-rikorrenti odjern kien kiteb lill-Perit Valerio Schembri, kien infurmah li l-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri kienet hattritu espert tekniku fil-kawzi fl-istadju ta’ l-Appell fl-ismijiet Alfred Grech et vs

Stephen Camilleri Nru 8/08 u Mario Scerri vs Stephen Camilleri MASC Nru 7/08. Ir-rikorrenti kien informa lill-perit illi dawn iz-zewg kawzi kienu jirrigwardaw xoghol ta' water proofing tas-soqfa li sehh fil-fondi Madonnina, Triq l-Imdina Haz-Zebbug ta' Alfred Grech u fil-fond Nru 8, Our Dream, Triq is-Swieqi, is-Siggiewi ta' Mario Scerri. Ir-rikorrenti kien issollecita lill-Perit Valerio Schembri biex jispezzjona l-istess bjut sabiex jirrapporta lill-Qorti dwar kif kien ezegwit ix-xoghol ta' water proofing kemm jista jkun malajr qabel ma isiru xi tiswijiet fl-istess bjut.

"Ikkunsidrat :

"Illi ir-rikorrenti pprezenta ir-rikors odjern wara illi gie notifikat b'Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fuq rikors ta' Valerio Schembri fejn talab illi jithallas is-somma ta' disgha mija erbgha u hamsin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€954.92) dritt illi kellu jithallas lilu bhala perit tekniku mahrug mill-Qorti tal-Appell ghar-rapport li sar waqt il-kawza bin-numru 7/2008 PS, u ir-rikorrenti kien gie infurmat illi dan il-kreditu kien gie res ezekuttiv bis-sahha ta' ittra mibghuta ghall-finijiet ta' dak stipulat fl-Artikolu 256 (2) et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre l-imghax ta' sebgha u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€77.87), imghax komputat mis-6 ta' Ottubru 2009 li hija d-data tal-hrug tad-dritt li ghandu jithallas lill-perit tekniku mill-Qorti ta' l-Appell sad-data tal-prezentata tal-mandat ta' sekwestru u cioe' l-14 ta' Ottubru 2010.

"Ikkunsidrat :

"Illi xehed il-Perit Valerio Schembri u esebixxa il-kont mibghut mid-deputat registratur tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri. Dan il-kont jinsab esebit a fol. 10 tal-process u minnu jirrizulta car illi d-dritt tal-perit tekniku kellu jithallas mill-appellat direttament lill-perit tekniku. Il-Perit Valerio Schembri xehed illi l-Qorti ta' l-Appell akkordat erbgha differimenti sabiex jithallas id-dritt lill-perit tekniku u finalment, peress li d-dritt baqa ma thallasx, il-kawza giet differita sine die. Il-Perit Valerio Schembri xehed illi dan gara kemm fil-kaz ta' Grech, kif ukoll fil-kaz odjern. Effettivament dan jirrizulta mid-dokument esebit u li jinsab

a fol. 55 tal-process. Illi l-original ta’ dan id-dokument jinsab a fol. 44 tal-process li jinsab allegat mal-process odjern, Avviz Nru 7/08 illi gie differit Sine Die mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ April, 2010 fil-kawza fl-ismijiet Mario Scerri vs Stephen Camilleri MASC.

“Ikkunsidrat :

“Illi din hija procedura ai termini ta’ l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn min jinhareg kontrih att esekuttiv jista’ jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget dak il-mandat fejn jintalab li l-istess mandat jew att ezekuttiv jigi mhassar sew ghal kollox jew parti minnu u dan ghar-raguni valida fil-ligi.

“Illi l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 jghid hekk :

“281 (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-Ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista’ taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista’ tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar,_sew ghal kollox jew f’parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.

“(2) Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista’ tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista’ tipprezenta. Izda l-qorti tista’, f’kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f’dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta’ din l-opposizzjoni, il-Qorti ghandha tilqa’ t-talba.

“(3) Il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smigh tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta’ xahar mill-jum tal-prezentata.”

“Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti tara illi r-rikorrenti ma ghandux ragun u dana peress illi l-hlas kellu isir mill-appellat. Il-Qorti qeghda tghid hekk wara li rat ir-rikors a fol. 15 tal-process illi ghamel l-istess rikorrenti ghall-hatra ta' perit tekniku, wara li l-Qorti rat l-ittra a fol. 24 tal-process illi tghid illi d-dritt intaxxat tal-perit tekniku ghandu jithallas mill-appellat u kif ukoll wara li l-Qorti ezaminat il-process allegat li minnu jirrizulta car illi l-appellat huwa Mario Scerri, ir-rikorrenti odjern."

**L-appell ta' Mario Scerri.**

Ir-rikorrent Mario Scerri hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentata fid-19 ta' Lulju, 2011 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tbiddilha billi waqt li tichad ir-risposta tal-Perit Valerio Schembri, tilqa' t-talba tar-rikorrenti u zzomm l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru numru 1429/2010, bl-ispejjez kontra l-intimat Valerio Schembri, inkluzi dawk ta' dan l-appell.

L-appellat Perit Valerio Schembri ma pprezenta ebda risposta biss fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2011 id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell u dan baqa' ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**L-aggravji tar-rikorrent appellant.**

L-appellant ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata billi qed isostni li:

1) l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dak li jinghad fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar tar-rikors promotur; u

2) dik il-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx l-oggezzjoni sollevata minnu fir-rikors promotur fejn kien gie rilevat li l-mandat odjern qatt ma

messu gie pprezentat quddiem din il-Qorti imma fil-Qorti tal-Magistrati u ghal din ir-raguni wkoll il-mandat ghandu jinzamm.

Fir-rikors tal-appell l-appellant kompla jispjega li l-Qorti tal-Magistrati hija l-Qorti kompetenti biex "*tinforza s-sentenzi tat-Tribunal tal-Konsumatur*". Din il-Qorti pero` tosserva li fil-kaz inezami hadd ma hu qed jipprova jinforza sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur. Li gara kien li fil-proceduri tal-appell mis-sentenza ta' dak it-tribunal kien inhatar bhala espert tekniku l-intimat il-Perit Valerio Schembri. Hu espleta l-inkarigu tieghu biss qatt ma thallas u ghalhekk a tenur tal-Artikolu 256(2) huwa pproceda biex jezegwixxi t-titolu "*ezekuttiv*" tieghu li hu sancit mill-Artikolu 253(c) u bazat fuq il-paragrafi 16 sa 19 tat-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, billi b'att gudizzjarju sejjah lir-rikorrent biex ihallas. Ghalhekk naraw li t-titolu li jivvanta l-intimat il-Perit Schembri ma jirrizultax mit-Tribunal tal-Konsumatur izda pjuttost mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u dan it-titolu, skont l-Artikolu 265 tal-Kap. 12 ghandu jigi ezegwit minn Qorti tal-ewwel grad li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u ghalhekk sejjer jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni lok l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet it-talba tieghu fuq il-premessa li kien huwa li talab il-hatra ta' perit tekniku fl-istadju tal-appell u li dan kien jinsisti mal-perit biex jespleta l-inkarigu tieghu.

Dwar dan, din il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 644 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-hatra ta' perit fil-proceduri tigi ordnata jew fuq talba ta' wahda mill-partijiet inkella mill-Qorti minn jeddha. Naturalment meta din il-hatra ssir fuq talba ta' parti, dik il-parti tkun tenuta li, ghal anqas provvizorjament, thallas l-ispejjez tal-espert hekk mahtur. Meta dik il-hatra ssir fuq ordni tal-Qorti minn jedda, huwa mistenni li dik il-Qorti, fid-digriet tal-hatra, tiddikjara min mill-partijiet ghandu jhallas l-ispejjez provvizorjament.

Fil-kaz in ezami jidher li l-hatra tal-espert tekniku saret in segwitu ghall-rikors intavolat mir-rikorrent odjern fil-proceduri fil-kawza "Avviz Nru CCT 274/07 **Mario Scerri v. Stephen Camilleri**". Din il-Qorti pero` tosserva li f'dak ir-rikors l-appellat f'dawk il-proceduri Mario Scerri donnu l-ewwel jittituba dwar jekk ghandux jitlob il-hatra ta' espert billi fil-premessi jghid li:- "*jekk dina l-Qorti ser tappunta espert taghha biex jezamina l-"waterproofing" qabel it-tiswijiet mehtiega, jehtieg li dana jigi mqabbad jezamina l-bejt illum qabel ghadha".* Hawn donnu r-rikorrent Scerri qed ipoggi l-kwistjoni ghad-diskrezzjoni tal-Qorti, u sa hawn forsi wiehed jista' jaghtih raguni f'dak li qed jigi sottomess fir-rikors tal-appell. Izda t-talba maghmula fl-imsemmi rikors (fol. 15 tal-process) tghid hekk: "*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li l-Onorabbli Qorti tahtar, jekk jidhrilha xieraq, espert tekniku issa biex jezamina l-bejt qabel ma jsiru t-tiswijiet mehtiega.*" Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) rinfaccjata b'talba simili ma kellha ebda titubanzi dwar il-fatt li Mario Scerri kien qed jitlob il-hatra ta' espert tekniku, tant hu hekk li d-digriet huwa wiehed specifiku billi dik il-Qorti appuntat lill-A.I.C. Valerio Schembri "*bhala espert tekniku limitatament ghall-iskop imsemmi fir-rikors".* B'dan il-mod dik il-Qorti kienet qed takkolji t-talba ta' Mario Scerri in vista tal-problemi li jissemmew fir-rikors inkwistjoni.

Din il-Qorti ghalhekk, minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma ndikatx min kellu jbati l-ispejjez tal-espert, ma ghandha ebda ezitazzjoni tghid li dak li hemm miktub fl-avviz ghall-hlas tad-drittijiet tal-espert (Dok a fol. 10) fis-sens li dawn kellhom jithallsu mill-appellat (Mario Scerri) kellu mis-sewwa. Inoltre jidher li meta l-istess Mario Scerri gie notifikat bl-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 2010 (fol. 25) huwa ma istitwixxa ebda proceduri biex jikkontesta l-allegat titolu ezekuttiv. Ghalhekk illum ma jistax jitlob li jinzamm il-mandat billi dan sehh validament in ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' Mario Scerri qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha ghall-istess appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------